



www.itu.int



www.euiipo.europa.eu

L-ISPIŻA EKONOMIKA TAL-KSUR TAD-DRITTIJET TAL-PROPRJETÀ INTELLETTWALI FIS-SETTUR TAL- SMARTPHONES



Frar 2017


L-ISPIŻA EKONOMIKA TAL-KSUR TAD-DRITTIJIET TAL-PROPRJETÀ INTELLETTWALI FIS-SETTUR TAL- ISMARTPHONES

TIM TAL-PROĠETT TAL-EUIPO

Nathan Wajsman, Kap tal-Ekonomisti
Carolina Arias Burgos, Ekonomista

RIKONOXXIMENTI

L-awturi jixtiequ jirringrazzjaw lill-membri tal-Grupp ta' Ħidma tal-Ekonomija u l-Istatistika tal-Osservatorju li pprovdew kummenti utli dwar ir-rapporti f'din is-sensiela u dwar il-metodoloġija użata. Ingħatajna appoġġ siewi mill-Bureau tal-Iżvilupp tat-Telekomunikazzjoni (BDT) tal-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (UIT), b'mod partikolari mid-Diviżjoni Regulatorja u tal-Ambjent tas-Suq (RME) u mid-Diviżjoni tad-Data u tal-Istatistika tal-ICT (IDS). Barra minn hekk, il-Forum tal-Mowbajl u tal-Konnessjoni Bla Fili (MWF) ipprova informazzjoni dwar is-suq tal-ismartphones fl-UE.



Werrej

1. Daħla _____	04
2. Sommarju Eżekuttiv _____	06
2.1. Metodoloġija u data _____	06
2.2. Sejbiet ewlenin _____	06
2.3. Impatti mhux ekonomiċi tal-ismartphones iffalsifikati _____	11



1. DAĦLA

L-ISPIŻA EKONOMIKA TAL-KSUR TAD-DRITTJIET TAL-PROPRJETÀ INTELLETTWALI FIS-SETTUR TAL-ISMARTPHONES

L-Osservatorju Ewropew tal-Ksur tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali (l-Osservatorju) nħoloq biex itejjeb il-fehim tar-rwol tal-Proprietà Intellettuali u tal-konsegwenzi negattivi tal-ksur tad-Drittijiet ta' Proprietà Intellettuali (DPI). Dan ġie ttrasferit mill-Kummissjoni lil EUIPO fl-2012 bir-Regolament 386/2012.

L-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (UIT) hija l-aġenzija speċjalizzata tan-Nazzjonijiet Uniti għat-Teknoloġiji tal-Infurmazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICTs), b'responsabbiltajiet li jinkludu fost l-oħrajn l-allokazzjoni tal-ispettru globali tar-radju u tal-orbiti tas-satellita, l-iżvilupp tal-istandards tekniċi li jiżguraw li n-netwerks u t-teknoloġiji jkunu interkonnessi ma' xulxin mingħajr diffikultajiet, kif ukoll sforzi biex itejjeb l-aċċess għall-ICTs għal komunitajiet li mhumiex moqdiin tajjeb madwar id-dinja. L-għan huwa li l-persuni jibbenefikaw mit-teknoloġiji tal-komunikazzjoni moderna b'mod effiċjenti, sikur, faċli u affordabbli kullimkien.

Fi studju mwettaq f'kollaborazzjoni mal-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi¹, il-EUIPO, li jaġixxi permezz tal-Osservatorju, ikkalkula li madwar 42 % tal-attività ekonomika kollha u 28 % tal-impjeg kollu fl-UE huma ġġenerati direttament minn industriji li jagħmlu użu intensiv mid-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali, b'10 % ulterjuri tal-impjegji fl-UE jirriżultaw mix-xiri ta' oġġetti u servizzi minn industriji oħrajn mill-industriji li jagħmlu użu intensiv mid-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali.

Studju ieħor qabbel² il-prestazzjoni ekonomika tal-kumpaniji Ewropej li huma sidien tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali ma' dawk li mhumiex, u sab li d-dħul għal kull impjegat tas-sidien tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali huwa 28 % oġġla bħala medja milli għal dawk li mhumiex sidien, b'effett partikolarment b'saħħtu għall-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju (SMEs). Minkejja li 9 % biss tal-SMEs jippossjedu Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali reġistrati, dawk li jippossjeduhom, għandhom kważi 32 % dħul aktar għal kull impjegat milli minn dawk li ma jippossjeduhomx.

Il-perċezzjonijiet u l-imġiba taċ-ċittadini Ewropej fir-rigward tal-Proprietà Intellettuali u l-falsifikazzjoni u l-piraterija³ ġew ivvalutati wkoll bħala parti minn sfarriġ madwar l-UE. Dan l-istħarriġ wera li għalkemm iċ-ċittadini jirrikonoxxu l-valur tal-proprietà intellettuali (IP) fil-prinċipju, huma għandhom ukoll it-tendenza li jiġġustifikaw il-ksur fil-livell individwali f'ċerti każijiet.

L-Osservatorju qiegħed jipprova jagħti stampa sħiħa billi jivvaluta l-impatt ekonomiku tal-falsifikazzjoni u l-piraterija.

Fl-2016, l-EUIPO u l-UIT iffirmaw ftehim biex jikkollaboraw fil-pubblikazzjoni ta' studju dwar l-impatt ekonomiku tal-ksur tad-drittijiet ta' proprietà intellettuali (DPI) fl-ismartphones. Ir-rapport attwali huwa r-riżultat ta' dak il-ftehim.

Mil-lat metodoloġiku, dan l-eżerċizzju huwa ta' sfida, peress li jipprova jiffa' dawl fuq fenomenu li min-natura tiegħu stess ma jistax jiġi osservat b'mod dirett. Sabiex iwitti t-triq lejn il-kwantifikazzjoni tal-ambitu, l-iskala u l-impatt tal-ksur tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali, kif identifikat fil-mandat tiegħu, l-Osservatorju żviluppa approċċ pass b'pass biex jevalwa l-impatt negattiv tal-falsifikazzjoni u l-konsegwenzi tagħha għan-negozji leġittimi, il-gvernijiet u l-konsumaturi, u fl-aħħar nett għas-soċjetà kollha kemm hi.

Intgħażlu diversi industriji li jagħmlu użu intensiv mid-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali, li l-prodotti tagħhom huma

¹ "Intellectual Property Rights intensive industries and economic performance in the European Union" (Industriji li jagħmlu użu intensiv mid-drittijiet tal-proprietà intellettuali u l-prestazzjoni ekonomika fl-Unjoni Ewropea), EUIPO/EPO, Ottubru 2016.

² "Intellectual property rights and firm performance in Europe: an economic analysis" (Drittijiet ta' proprietà intellettuali u l-prestazzjoni tad-ditti fl-Ewropa: analiżi ekonomika), Ġunju 2015.

³ "European citizens and intellectual property: perception, awareness and behaviour" (Iċ-ċittadini Ewropej u l-proprietà intellettuali: perċezzjoni, sensibilizzazzjoni u mġiba), Novembru 2013, rapport aġġornat 2017 (li jmiss).

magħrufa jew huwa maħsub li jkunu soġġetti għall-falsifikazzjoni. Studji preċedenti eżaminaw is-setturi li ġejjin: il-kosmetiċi u l-kura personali; il-ħwejjeġ, iż-żraben u l-aċċessorji; l-oġġetti tal-isports; il-ġugarelli u l-logħob; il-ġojjellerija u l-arloġġi; il-basktijiet tal-idejn u l-bagalji; il-mużika rrekordjata; l-ispirti u l-inbid; il-mediċini; u l-pestiċidi.

L-istudji settorjali ppubblikati sal-lum jagħtu stima tal-impatt tal-prodotti ffalsifikati fis-suq tal-UE. Dan l-istudju numru ħdax, li jkopri s-settur tal-ismartphone, huwa ppubblikat b'kollaborazzjoni mal-UIT, aġenzija tan-NU b'fokus globali. Għalhekk, filwaqt li dan juża metodoloġija simili għal dik applikata fl-istudji settorjali preċedenti, dan mhux limitat għall-pajjiżi tal-UE. Minħabba l-bżonn li jiġi inkluż sett usa' ta' pajjiżi u minħabba n-natura speċjali tas-settur, kienu meħtieġa sorsi ta' data differenti u aġġustamenti għall-metodoloġija.

2. SOMMARJU EŻEKUTTIV

L-ISPIŻA EKONOMIKA TAL-KSUR TAD-DRITTIJET TAL-PROPRJETÀ INTELLETTWALI FIS-SETTUR TAL-ISMAARTPHONES

2.1. Metodoloġija u data

Dan l-istudju għandu l-għan li jistma l-iskala tal-impatt ekonomiku tal-falsifikazzjoni fis-settur leġittimu. Il-punt tat-tluq ta' din l-analiżi huwa n-numru ta' smartphones mibjugħin f'86 pajjiż abbażi tal-intraċċar tal-punt tal-bejgħ tax-xiri tal-konsumaturi. Il-bejgħ mistenni huwa stmat abbażi ta' konnessjonijiet ġodda tal-smartphones u t-tibdil mistenni tal-apparat. Sussegwentement, id-differenza bejn il-bejgħ mistenni u dak attwali stmat għal kull pajjiż huwa analizzat permezz ta' metodi statistiċi. Id-differenza tista' tiġi spjegata parzjalment b'fatturi soċjoekonomiċi bħalma huma l-PDG għal kull ras jew il-prezzijiet tas-servizzi broadband tal-mowbajl. Barra minn hekk, jitqiesu l-fatturi relatati mal-falsifikazzjoni, bħall-ambjent legali u regolatorju⁴.

Il-metodoloġija hija spjegata fid-dettall fit-taqsimha 5.

2.2. Sejbiet ewlenin

Huwa stmat li fl-2015, inbiġħu 14-il miljun smartphone inqas mill-industrija leġittima madwar l-UE milli kieku kien ikun il-każ mingħajr il-falsifikazzjoni. Dan jirriżulta f' madwar EUR 4.2 biljun mitlufa minħabba l-preżenza ta' smartphones iffalsifikati fis-suq tal-UE, li jikkorrispondu għal 8.3 % tal-bejgħ tas-settur.

Madwar id-dinja, l-effett tal-falsifikazzjoni fuq il-bejgħ tal-smartphones huwa stmat għal 184 miljun unità, b'valur ta' EUR 45.3 biljun jew 12.9 % tal-bejgħ totali.

L-istimi fuq livell⁵ reġjonali tal-bejgħ mitluf espressi kemm bħala perċentwal tal-bejgħ kif ukoll f'ewro, huma murija fit-tabella t'hawn taħt flimkien mal-intervalli ta' fiduċja.

⁴ F'dan l-istudju jintuża l-Indikatur tal-Governanza Dinjija tal-Effettività tal-Gvern mill-Bank Dinji. Dan l-indikatur jindika l-perċezzjonijiet tal-kwalità tas-servizzi pubbliċi, il-kwalità tas-servizz ċivili u l-grad tal-indipendenza tiegħu mill-perssonijiet politiċi, il-kwalità tal-formulazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika u l-kredibilità tal-impenn tal-Gvern għal tali politiċi.

⁵ Il-pajjiżi inklużi f'kull reġjun huma murija fit-Tabella 4.

**TABELLA 1: BEJGĦ MITLUF MINĦABBA L-FALSIFIKAZZJONI TAL-ISMARTPHONES, SKONT IR-
REĠJUN U L-INTERVALLI TA' KUNFIDENZA (2015)**

	Bejgħ mitluf (EUR miljun)	Telf (%)	Massimu	Minimu
L-Unjoni Ewropea*	4.212,2	8,3%	9,1%	7,4%
Pajjiżi Ewropej oħra	1.207,0	12,9%	16,1%	9,7%
KSI**	1.122,9	20,3%	25,0%	15,7%
L-Asja-il-Paċifiku***	7.166,6	11,8%	13,7%	10,0%
ASEAN****	2.674,9	16,9%	19,3%	14,6%
L-Istati Għarab	1.975,7	17,4%	20,2%	14,6%
L-Afrika	1.024,9	21,3%	24,4%	18,2%
L-Amerika Latina	4.706,5	19,6%	22,9%	16,2%
L-Amerika ta' Fuq	4.927,2	7,6%	9,9%	5,3%
Iċ-Ċina	16.335,8	15,6%	20,4%	10,9%
TOTAL	45.353,8	12,9%	13,7%	12,0%

*UE28 minbarra Malta u l-Bulgarija

**KSI Komunità ta' Stati Indipendenti

*** Reġjun Asja-Paċifiku minbarra ċ-Ċina u l-pajjiżi tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN)


**** ASEAN Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja

Sors: Il-kalkoli tal-EUIPO

L-istimi li jirriżultaw mill-bejgħ mitluf minħabba smartphones ffalsifikati f'kull reġjun huma murija fil-figura t'hawn taħt. L-istrixxa tindika l-impatt tal-falsifikazzjoni fuq il-bejgħ tas-settur leġittimu, espress bħala perċentwal tal-bejgħ, filwaqt li d-djamanti jindikaw il-95 % intervall ta' fiduċja ta' dik l-istima⁶.

⁶ Il-95 % tal-intervall ta' fiduċja huwa kalkolu statistiku li jfisser li hemm 95 % probabbiltà li l-figura reali tinsab bejn il-limiti minimi u massimi ta' dak l-intervall. Pereżempju, għall-UE kollha kemm hi, il-perċentwal stmat ta' bejgħ mitluf huwa 8.3 %, bi probabbiltà ta' 95 % li l-perċentwal reali jinsab bejn 7.4 % u 9.1 %.

FIGURA 1: BEJGĦ MITLUF MINĦABBA L-FALSIFIKAZZJONI TAL-SMARTPHONES SKONT IR-REĠJUN (2015)




Sors: Il-kalkoli tal-EUIPO

Il-bejgħ mitluf fiċ-Ċina jammonta għal 36 % mill-bejgħ mitluf madwar id-dinja. Il-bejgħ mitluf f'termini assoluti fl-Amerika ta' Fuq u fl-Amerika Latina huwa pjuttost simili, għalkemm, f'termini relattivi, it-telf fl-Amerika Latina huwa kważi tliet darbiet ogħla. L-Amerika ta' Fuq u l-UE huma ż-żewġ reġjuni bl-aktar impatt relattiv baxx tal-falsifikazzjoni fuq il-bejgħ, it-tnejn li huma inqas minn 10 %.

Fost l-Istati Membri tal-UE, 11 huma inqas mill-medja tal-UE ta' 8.3 %. Il-pajjiż l-inqas affettwat mill-falsifikazzjoni f'termini relattivi huwa d-Danimarka (4.9 %), filwaqt li r-Rumanija hija l-pajjiż l-aktar affettwat (19.1 %). F'termini assoluti, l-impatt huwa l-akbar fl-Italja, bl-istima tal-bejgħ mitluf minħabba l-falsifikazzjoni tkun ta' EUR 885 miljun; segwit mir-Renju Unit b'EUR 660 miljun, il-Ġermanja (b'EUR 564 miljun), Spanja (EUR 386 miljun) u Franza (EUR 380 miljun). L-akbar ħames Stati Membri tal-UE jammontaw għal EUR 2.9 biljun telf minħabba l-falsifikazzjoni, kważi 70 % mill-bejgħ totali mitluf fl-UE.

FIGURA 2: BEJGĦ MITLUF MINĦABBA L-FALSIFIKAZZJONI TAL-ISMARTPHONES FL-ISTATI MEMBRI TAL-UE (2015)⁷



Sors: Il-kalkoli tal-EUIPO

L-istimi fil-livell tal-pajjiż tal-bejgħ mitluf espress bħala perċentwal tal-bejgħ totali huma murija fit-tabella t'hawn taħt.

⁷ F'dan ir-rapport jintużaw il-kodiċijiet tal-pajjiżi tal-Organizzazzjonijiet Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO). Ara: http://wits.worldbank.org/wits/wits/witshelp/Content/Codes/Country_Codes.htm

TABELLA 2: BEJGĦ MITLUF MINĦABBA L-FALSIFIKAZZJONI TAL-ISMARTPHONES FL-ISTATI MEMBRI TAL-UE (2015)

Kodiċi	Pajjiż	Bejgħ mitluf (%)
AUT	L-AWSTRIJA	7.7
BEL	IL-BELĠJU	8.0
BGR	IL-BULGARIJA	17.2
CYP	ĊIPRU	11.0
CZE	IR-REPUBBLIKA ĊEKA	10.9
DEU	IL-ĠERMANJA	5.7
DNK	ID-DANIMARKA	4.9
EST	L-ESTONJA	10.6
GRE	IL-GREĊJA	16.9
ESP	SPANJA	10.0
FIN	IL-FINLANDJA	5.1
FRA	FRANZA	8.0
HRV	IL-KROAZJA	15.0
HUN	L-UNGERIJA	15.1
IRL	L-IRLANDA	7.3
ITA	L-ITALJA	15.4
LTU	IL-LITWANJA	9.8
LUX	IL-LUSSEMBURGU	5.8
LVA	IL-LATVJA	10.6
MLT	MALTA	12.4
NLD	IN-NETHERLANDS	5.0
POL	IL-POLONJA	12.8
PRT	IL-PORTUGALL	9.5
ROM	IR-RUMANIJA	19.1
SWE	L-IŻVEZJA	5.2
SVK	IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA	12.5
SVN	IS-SLOVENJA	11.5
GBR	IR-RENJU UNIT	5.7
UE	UNJONI EWROPEA	8.3

Sors: Il-kalkoli tal-EUIPO

2.3. Impatti mhux ekonomiċi tal-ismartphones iffalsifikati

Dan ir-rapport jiffoka fuq il-konsegwenzi ekonomiċi tal-ismartphones iffalsifikati. Madankollu, hemm numru ta' impatti oħrajn f'oqsma bħas-saħħa u s-sigurtà, il-ħsara ambjentali, il-kwalità tan-netwerk, is-sigurtà ċibernetika u l-privatezza. Rapport riċenti mill-UIT jiddistingwi l-effetti *mhux ekonomiċi* li ġejjin tal-apparat mobbli ffalsifikat⁸:

- it-tnaqqis fil-kwalità ta' servizz tas-servizzi tat-telekomunikazzjoni mobbli, jiġifieri l-impatt fuq l-esperjenza tal-konsumaturi u n-negozji;
-
- il-ħolqien ta' periklu għas-sigurtà tal-konsumaturi minħabba komponenti jew materjali difettużi jew mhux adegwati;
-
- iż-żieda fit-theddid relatat maċ-ċibersigurtà;
-
- il-periklu għall-privatezza tal-konsumatur;
-
- it-tnaqqis fis-sigurtà tat-tranzazzjonijiet diġitali;
-
- ħsara fuq l-aktar konsumaturi finanzjarjament vulnerabbli billi ma tiġi pprovduta ebda garanzija lill-konsumatur jew inkella billi jinkisru r-rekwiżiti tal-liġi tal-konsumatur;
-
- il-ħolqien ta' riskji għall-ambjent u s-saħħa tal-konsumatur minħabba l-użu ta' sustanzi perikolużi fil-manifattura ta' dawn l-apparati.

Bosta minn dawn l-impatti huma partikolarment serji f'reġjuni bħall-Afrika fejn ħafna konsumaturi jiddependu fuq l-ismartphones tagħhom ferm aktar mill-konsumaturi fl-Ewropa jew fl-Amerika ta' Fuq. L-ismartphone huwa ta' spiss l-uniku mod ta' aċċess għall-internet, u s-sors ewlieni tas-servizzi bankarji (is-servizz bankarju bil-mowbajl M-PESA fil-Kenja huwa eżempju magħruf sew). Kull malware jew ksur tas-sigurtà ieħor li jista' jinstab f'apparat iffalsifikat għandu konsegwenzi serji f'dan il-kuntest.

Il-prodotti ffalsifikati, minħabba l-assemblaġġ ħażin u l-użu ta' komponenti bi kwalità baxxa, jinkludu sustanzi perikolużi li huma pprojbiti f'bosta pajjiżi taħt ir-restrizzjoni ta' sustanzi perikolużi (RoHS) jew leġislazzjoni nazzjonali ekwivalenti. Dan johlq riskji għas-saħħa kif ukoll għas-sigurtà tal-utenti u l-ambjent.

Filwaqt li l-impatti mhux ekonomiċi deskritti fis-subtaqsima jmorru lil hinn mill-ambitu ta' dan ir-rapport, b'mod ċar dawn għandhom importanza soċjali sinifikanti u jridu jiġu kkunsidrati meta jitqies il-fenomeni tal-ismartphones iffalsifikati.

⁸ "Counterfeit ICT equipment" (Tagħmir tal-ICT iffalsifikat), Rapport Tekniku tal-UIT, Diċembru 2015.

Avenida de Europa, 4,
E-03008 - Alicante
Spain



L-ISPIŻA EKONOMIKA TAL-KSUR
TAD-DRITTIJJET TAL-PROPRJETÀ
INTELLETTWALI FIS-SETTUR TAL-
ISMARTPHONES

